MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 676/2006

**Il-Prokuratur Legali Madeleine Firman (I.D. 478751 (M)) bhala mandatarja specjali f'isem u ghan-nom tas-socjeta` estera MAN DIESEL SE.**

**vs.**

**COTE D'AZUR SHIPPING LIMITED (32645).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti li kien jisimha MAN B & W Diesel AG u li wara bidlet isimha ghall-Man Diesel Se dejjem kif rapprezentata mill-Prokuratur Legali Madeleine Firman, tali rikors datat 21 ta' Lulju 2006 a fol. 4 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` konvenuta intimata hija propjetarja tal-bastiment navali ***motor tanker*** **'<u>IANUK</u>'** li huwa registrat hawn Malta bin-numru ufficjali 07129;

Illi s-socjeta` attrici rikorrenti bieghet lill-bastiment **<u>'Ianuk'</u>** diversi *spare parts* necessarji ghall-istess bastiment, liema *spare parts* gew konsenjati lil u anke accettati mill-istess bastiment; *inoltre* s-socjeta` rikorrenti hadet hsieb li tarma ossija tekwipagga l-imsemmi bastiment u anke hadet hsieb it-tiswija ta' l-istess bastiment u dan kif sejjer jigi spjegat f'izjed dettal fil-mori tal-kawza;

Illi minkejja li s-socjeta` attrici harget zewg fatturi datati sbatax (17) ta' Marzu sena elfejn u sitta (2006) u dsatax (19) ta' Awissu tas-sena elfejn u hamsa (2005) sabiex tithallas ghal dak mibjugh u ghas-servizzi rezi minnha, baqghet ma thallsetx u dan minkejja l-interpretazzjonijiet bonarji li s-socjeta` attrici ghamlet ma' l-agenti u rapprezentanti ohra tas-socjeta` konvenuta (kopja ta' fatturi relattivi huma hawn annessi u markati "A" u "B" rispettivament);

Illi s-somma komplessiva dovuta lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta fuq l-imsemmija fatturi hija ta' US$99,748.08 kif jidher fl-imsemmija fatturi;

Illi s-socjeta` attrici ghandha kull dritt mis-socjeta` konvenuta ghal dak dovut lilha skond l-imsemmija fatturi: *in vista* tan-nuqqas daparti tas-socjeta` konvenuta li taghmel dan il-hlas, is-socjeta` attrici qieghda bil-prezenti tiehu dawk il-passi kawtelatorji kontra s-socjeta` konvenuta skond il-Ligi, kif inhi ntitolata illi taghmel bis-sahha ta' l-artikolu **37 tal-Kap 234,** *stante* li s-socjeta` attrici qed tavvanta pretenzjoni li huwa nkwadrat fl-**artikolu 37 (10) (a) ta' l-istess Kap 234;**

Illi sa fejn jafu s-socjeta` attrici, l-unika propjeta' li s-socjeta' konvenuta ghandha huwa l-bastiment hawn fuq imsemmi u ghalhekk, il-bastiment huwa l-unika proprjeta' li tista' taghmel tajjeb ghal dak dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta' attrici;

Illi jekk il-bastiment fuq imsemmi ma jibqax aktar proprjeta` tas-socjeta` konvenuta jew jekk jigu kostitwiti aktar ipoteki navali (*motgages*) fuq il-bastiment, id-drittijiet tas-socjeta` attrici jigu eluzi u ghalhekk is-socjeta' attrici ghandha interess illi, sabiex jigu kawtelati d-drittijiet taghha, l-imsemmi bastiment ma jigix trasferit lil terzi u ma johrogx mill-patrimonju tas-socjeta' konvenuta, kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati aktar ipoteki fuq l-istess bastiment;

Illi, *a tenur* ta' l-**artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta**, din il-Qorti tista', fuq talba tas-socjeta' attrici, *essendo* parti interessata u in kawtela tad-drittijiet taghha, tordna, li jigi projbit kull bejgh jew negozju ta' kwalsijasi natura fuq l-istess bastiment *stante* li l-jeddijiet tas-socjeta` attrici jikkostitwixxu drittijiet fi jew fuq bastiment *ai termini* tal-Ligi;

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet li s-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:-

1 Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment **IANUK** u fir-rigward ta' kull sehem fl-istess bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati ipoteki navali ossija "*mortgages*" fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal zmien li ghandu jigi specifikat minn din il-Qorti ghal dan il-ghan u taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li din l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni u skond l-**artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta**; u

2 Tordna li kull ordni maghmula minn din l-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin *a tenur* ta' l-istess **artikolu 37 tal-Kapitolu 234 tal-Ligijiet ta' Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-Prokuratur Legali Madeleine Firman u rapprezentanti tas-socjeta` attrici kif ukoll id-

dokumenti hemm esebiti minn fol. 9 sa fol. 16 tal-process li huma Dokument “A” – Fattura 10000013763 datat 17 ta’ Marzu 2006; Dokument “B” – Fattura 1065/27392 datat 19 ta’ Awissu 2005; u Dokument “C” – Prokura a favur ta’ *inter alia* l-P.L. Madeleine Firman.

Rat li dan ir-rikors kien gie appunatat minn din il-Qorti hekk presjeduta fit-3 ta’ Awissu 2006 biex jinstema’ fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 2006.

Rat li ghalkemm is-socjeta` ntimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz tal-appuntament tas-smiegh u riferti relattivi fil-31 ta’ Awissu 2006 (*a tergo* ta’ fol. 109) baqghet ma pprezentat l-ebda risposta guramentata u hadd mir-rapprezentanti taghha ma deher fil-kawza u  ghalhekk l-istess socjeta’ konvenuta baqghet kontumaci.

Rat in-nota ta’ l-atturi datata 21 ta’ Awissu 2006 a fol. 22 tal-process li permezz taghha pprezentaw diversi dokumenti kollox minn fol. 22 sa fol. 107 tal-process.

Rat ir-rikors datat 13 ta’ Settembru 2006 u d-digriet datat 14 ta’ Settembru 2006.

Rat in-nota ta’ l-attrici *nomine* datata 19 ta’ Settembru 2006 a fol. 114 tal-process li permezz taghha esebiet l-affidavit tas-*service engineer* Mr. Klaus Ewe; u nota ohra pprezentata fit-22 ta’ Settembru 2006 (fol. 124) li permezz taghha esebiet zewg affidavits, wiehed ta’ Mr. Christian Müllier u l-iehor ta’ Mr. Karsten Ballstädt.

Rat ir-rikors tas-socjeta` MAN Diesel SE datat 28 ta’ Settembru 2006 a fol. 135 tal-process fejn talbet lil Qorti joghgobha tordna r-relattiv tibdil fl-okkju tal-kawza fis-sens li jithasru l-kliem *MAN B&W Diesel AG* u minflokhom jiddahhlu l-kliem *MAN DIESEL SE* u dan ghaliex is-socjeta’ attrici hekk bidlet isimha*.* Il-Qorti laqghet it-talba bid-digriet taghha moghti fit-3 ta’ Ottubru 2006, u ordnat id-debita korrezzjoni fl-okkju u fl-atti kollha processwali.

Rat in-nota ta’ l-attrici *nomine* datata 10 ta’ Ottubru 2006 a fol. 142 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit ta’ Peter Lawbrecht li huwa mmarkat bhala Dokument “PL”.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Novmebru 2006 fejn deher Dr. Jotham Scerri Diacono ghall-attrici *nomine*. Is-socjeta` konvenuta ssejhet diversi drabi baqghet ma dehritx. Ir-rikors gie differit ghas-sentenza ghas-7 ta’ Dicembru 2006.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza.

## II. **KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi s-socjeta’ attrici qed tallega li ghandha kreditu kontra s-socjeta’ konvenuta ghall-ammont indikat fir-rikors promotorju u ghar-ragunijiet hemm indikati u ghalhekk tablet li jittiehdu l-provvedimenti opportuni abbazi ta’ l-**artikolu 37 tal-Kap 234 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici, ghal fini ta’ din il-kawza, gew ilkoll ippruvati kemm bil-kontenut tad-dikjarazzjoni guramentata, kif ukoll bid-dokumenti esebiti, u mix-xhieda kollha pprezentata u *inoltre* l-istess allegazzjonijiet ma gew bl-ebda mod kontradetti mis-socjeta` ntimata u ghalhekk it-talbiet dedotti fir-rikors tas-socjeta’ attrici qed jigu milqugha.

## III. **KONKLUZJONI**.

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi** billi fil-kontumacja tas-socjeta` ntimata, **tilqa` t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b’dan li:-

1. Tordna li ma jsir ebda negozju u tipprojbixxi kull negozju, bejgh jew self fir-rigward tal-bastiment navali *motor tanker* ‘**IANUK’,** u fir-rigward ta’ kull sehem fl-istess

bastiment kif ukoll li ma jigux kostitwiti u registrati *“mortgages"* fuq l-istess bastiment u r-registru tieghu u dan ghal perjodu sakemm jithallsu l-krediti tas-socjeta` attrici, kemm-il darba dawn jigu kannozzati, b’dan li s-socjeta` attrici ghandha, jekk ghadha ma resqitx sallum il-pretensjonijiet taghha bil-mod kif previst fl-**artikolu 37 tal-Kap 234** tal-Ligijiet ta’ Malta, tottempora ruhha mad-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 37 tal-Kap 234** sabiex fi zmien tmient ijiem millum tipprocedi ghal dak il-kreditu jew krediti bil-mod stabbilit bl-istess **artikolu 37** u bil-kundizzjonijiet stabbiliti fl-istess artikolu.

2. Tordna li din l-ordni maghmula minn din il-Qorti tigi notifikata lir-Registratur Generali tal-Bastimenti u Bahrin *a tenur* ta’ l-istess **artikolu 37 tal-Kap. 234 tal-Ligijiet ta’ Malta**.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------